MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2004

Citazzjoni Numru. 951/2003

**A.C.A.Ltd (C5598)**

**vs**

**Korporazzjoni Enemalta**

**Il-Qorti.**

Rat il-verbal a fol 28;
Semghet lill Avukati difensuri;

**KONTESTAZZJONI**

L-atturi ssottomettew li l-eccezzjonijiet prezentati mill-konvenuti huma tardivi billi skond ir-riferta (ara fol. 12 a tergo) in-notifika saret fl-24 ta' Settembru 2003 mentri l-eccezzjonijiet dahlu fis-17 ta' Ottubru, 2003 meta kien ghadda t-terminu.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi fuq dana l-punt xehed Dr. D. Degiorgio li qal li meta huwa jigi notifikat b'xi citazzjoni tal-konvenuti, hu dejjem inizzel id-data tan-notifika fuq il-kopja tac-citazzjoni li jinghata, u f'dana l-kaz indika lill Qorti fejn nizzel id-data bil-lapes. Skond Dr. Degiorgio hu gie notifikat fid-29 ta' Settembru, 2003 u immedjatament ghadda d-dokument lill Joseph Cutajar li hu nkarigat mill-proprjeta' tal-korporazzjoni konvenuta. Mid-dokumenti ezibiti u mix-xhieda ta' Joseph Cutajar jirrizulta li d-dokument mexa kif xehed Dr. Degiorgio.

Xehed imbaghad il-Marixxal Nazzareno Mifsud li kkonferma li kien innotifika lill Dr. Degiorgio fid-data indikata fir-riferta'. Hu xehed li meta n-notifika tkun positiva r-riferta' jaghmilha dak in-nhar stess. Izda meta ra r-riferta' kkonferma li hu kien ghamel it-timbru l-ghada ta' meta nnotifika lill Dr. Degiorgio u mhux dak in-nhar stess kif kien qal precedentement

Ghalkemm il-Qorti ghandha tehodha li dak li nizzel il-Marixxall hu korrett u jirrifletti dak li attwalment sar, minn naha l-ohra l-Qorti ghandha l-konferma bil-gurament ta' Dr. Degiorgio li hu dak il-hin stess li gie notifikat bic-citazzjoni nizzel id-data tan-notifika fuq il-kopja tac-citazzjoni minhabba l-kwistjoni tat-terminu u ghadda d-dokument immedjatament lill persuna nkarigata. Joseph Cutajar u d-dokumenti ezibiti jikkonfermaw dak li qal Dr. Degiorgio.

**DECIZJONI**

Fic-cirkostanzi l-Qorti, minhabba l-konflitt tal-provi li tinsab rinfaccjata bih, hi tal-fehma li s-socjeta' konvenuta m'ghandiex tigi penalizzata b'dak il-mod drastiku li tigi dikjarata kontumaci u ghalhekk tammetti l-eccezzjonijiet tal-konvenuti bhala li gew prezentati entro it-terminu legali.

Spejjez ta' dina l-istanza ghall-konvenuti.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------